Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 453/2017

Il-Pulizja

Vs

Jacob Rakban

Illum 31 ta' Jannar 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Jacob Rakban detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 50794M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar it-13 ta' Gunju, 2016 ghall-habta tal-11 a.m. fi Triq l-Gharusa tal-Mosta, Mosta kkommetta serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Maria Aquilina, ta' 66 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, ghad-dannu ta' l-istess persuna;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna t'a l-istess Maria Aquilina, skond ma ccertifikat Dr. Sarah Vella M.D. (Med. Reg. No 2503);

3. Nhar il-11 ta' Gunju, 2016, ghall-habta tas-7.30 p.m. fi Triq il-Katakombi, Rabat, ikkommetta serq semplici ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Antonia Bonello, ta' 83 sena, ghad-dannu ta' l-istess persuna;

4. Nhar is-6 ta' Gunju, 2016, ghall-habta ta' l-10:45 a.m. fi Triq San Bastjan, Rabat ikkommetta serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Lorenza Wingfiled, ta' 66 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' l-istess persuna;

5. Nhar it-3 ta' Gunju, 2016 ghall-habta tal-10.15 a.m. fi Triq Gorg Borg Olivier, Rabat ikkommetta serq semplici ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Maria Formosa, ta' 62 sena, liema serq sar ghad-dannu ta' l-istess persuna.

6. Finalment, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija nhar is-26 ta' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 214, 215, 22(1), 222A, 261, 262(1)(a), 267, 274(c), 276A, 279(a), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet fuq l-ammissjoni cara u inekwivoka tieghu, izda ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, l-Qorti qeghda permezz ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perjodu ta' probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni ta' Probation u l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Novembru, 2017 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma

s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih, tghaddi sabiex tirrevoka l-parti tas-sentenzaz koncernanti l-piena li nghatat fil-konfront tal –appellat u tipprosegwi sabiex tinfliggi piena li hija fil-parametri tal-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat, illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi indipendentement mill-procedura adoperata ai termini tal-artiklu 392A, fl-1 ta' Novembru 2017 giet ipprezentata nota tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn informa l-Qorti li jixtieq jappella mis-sentenza moghtija;

Illi fit-2 ta' Novembru, 2017, l-esponent ircieva l-atti processwali fl-ismijiet premessi minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest u dan minhabba l-fatt li skont l-esponent l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncazjoni u applikazzjoni kompletament zbaljata tal-ligi meta infliggiet il-piena fil-konfront tal-appellat Jacob Rakban, liema piena erogata ma tirringradwax ruhha fil-parametri tal-Ligi nostrana;

Illi minkejja li huwa minnu li fil-gurisprudenza nostrana, specjalment dik recenti, gie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddistuba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispozizzjonijiet tal-ligi specifici li jipprovdu l-bazi legali ghad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti, fis-sentenza tal-Kaz Il-Pulizija vs Spiru Muscat moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2012 (255/2011) sostniet:

*Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*

Illi din il-gurisprudenza ormai ben stabbilita u accettata in linea ta' principju fil-gurisprudenza taghna, tghallimna illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-kazijiet fejn, inter alia, dik il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi. Dan il-principju kien gie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-kaz il-Pulizija vs. Joseph Attard moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar, 2001 (52/2000), fejn il-Qorti qalet li:

*Illi kif gia rriteniet din il-Qorti kemm il-darba fil-passat, huwa larament li hi tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew* ***<u>tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi</u>***

Fil-kaz in dezamina, il-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti certament jidher illi hija wahda li ma tirrinkwadrax ruhha fil-parametri tal-ligi u wkoll ma tirriflettix il-gravita' tal-kaz in dizamina. L-appellat infatti gie akkuzat b'sitt (6) akkuzi in toto (ghal liema akkuzi huwa ammetta) u cioe':

- Serq li huwa aggravat bil-vjolenza, u dana ghad-dannu ta' anzjana ta' 66 sena;
- Griehi hfief ikkawzati lil istess anzjana ta' 66 sena;

- Serq semplici, u dana ghad-dannu ta' anzjana ta' 83 sena;
- Serq ikkwalifikat bil-valur, u dana ghad-dannu ta' anzjana ta' 66 sena;
- Ser semplici, u dana ghad-dannu ta' anzjana ta' 62 sena; u
- Recediva.

Illi, l-esponenti huwa tal-umli fehma li l-piena nflitta fuq l-appellat – u cioe' Probation Order ghall-perjodu ta' tlett snin – hija wahda li ma taqax fil-parametri tal-ligi u b'kull dovut rispett ma setghetx tigi mposta f'dan il-kaz, specjalment tenut kont l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellat;

Illi, jekk wiehed jiehu din l-ewwel imputazzjoni, liema imputazzjoni huwa ammetta ghaliha, din taqra hekk:

*B'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar it-13 ta' Gunju, 2016 ghall-habta tal-11 a.m. fi Triq l-Gharusa tal-Mosta, Mosta kkommetta serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Maria Aquilina, ta' 66 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, ghad-dannu ta' l-istess persuna;*

Illi inoltre, b'harsa lejn it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-istess appellat – liema imputazzjoni l-appellat ukoll ammetta ghaliha – wiehed jista' jiddeduci li l-aggravant tal-vjolenza msemmi fir-reat precedenti tas-serq inghata propju ghaliex l-appellat ikkaguna griehi ta' natura hafifa lill-vittma Maria Aquilina. Infatti, l-Ewwel Onorabbli Qorti sabithu hati taht l-Artikolu 274(c) tal-Kodici Kriminali;

Illi, d-dicitrua ta' dan l-istess Artikolu 274(c) tal-Kodici Kriminali hija cara u tistipola hekk:

*Il-hati ta' serq li jsir flimkien ma' offiza fuq il-persuna jehel-*

*...*

*(c) jekk l-offiza tkun hafifa, il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn sentejn sa hames snin;*

…

Illi, inoltre minn dan, wiehed irid ihares ukoll lejn l-artikolu 276A tal-Kodici Kriminali, li l-Ewwel Onorabbli Qorti ukoll iccitat fis-sentenza taghha, liema artikolu jistipola hekk:

> *Il-pieni msemmijin fl-artikoli 273, 274, 275 u 276 ghandhom jizdiedu bi grad jew zewg gradi meta l-vjolenza hemm msemmija tkun diretta kontra persuna taht l-eta ta' tnax il-sena jew li tkun ghalqet l-eta ta' sittin sena jew kontra persuna li tkun tbati minn marda tal-gisem jew tal-mohh fi grad li minhabba fiha ma tkunx tista' taghmel resistenza xierqa.*

Illi, hekk kif jirrizulta mill-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-appellat, Maria Aquilina, fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, kellha 66 sena, u ghaldaqstant l-Ewwel Qorti kellha tapplika d-dispsizzjonijiet tal-Artikolu 31 tal-Kodici Kriminali u konsegwenza ta' hekk kellha tgholli l-parametri tal-piena ikristallizata fl-artikolu 274(c) tal-Kodici Kriminali li kellha tigi mposta fuq l-appellat. Ghaldaqstant, il-parametri tal-piena li kellha tigi nflitta fuq l-appellat a rigward l-ewwel akkuza kellha tkun bejn minimu ta' 4 snin u massimu ta' 9 snin;

Illi, sussegwentement, l-artikolu 7 tal-Kap. 446 jistipola hekk:

> *Kull ordni maghmula skont is-subartikolu (1) ghandha biss issir hekk:*
>
> *(a) Persuna tigi ddikjarata hatja ta' reat, li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda, u ghax ma jkunx reat li apparti minn kull zieda fil-piena minhabba li jkun wiehed li jkompli jew f'dikjarazzjonijiet ta' htija precedenti, li jkun punibbli bi prigunerija ghal zmien mhux iktar minn seba' snin;*

Illi, bil-komputazzjoni saret aktar il-fuq, jidher bic-car li a rigward l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-appellat, ir-reat in kwistjoni igorr piena massima ta' disa' snin u ghaldaqstant ma setghetx tigi mposta Probation Order fir-rigward;

Illi, jista jigi argumentat li l-Att dwar il-Probation, fl-Artikolu 7 tal-istess, taghti wkoll il-possibilita' li tinhareg Probation Order a rigward ta' reat li jgorr mieghu piena ta' mhux izjed minn ghaxar snin prigunerija. Dan l-artikolu jistipola propju hekk:

> *Izda meta fil-fehma tal-Qorti jkunu jezistu cirkostanzi, li ghandhom jigu dikjarati b'mod car fl-ordni, li jkunu jimmeritaw li l-hati jitqieghed taht ordni ta' probation fil-kaz ta' reat li, minbarra xi zieda fil-piena minhabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' htija precedenti, jkun punibbli bi prigunerija li jeccedi seba' snin izda mhux ghaxar snin, il-Qorti tista' taghmel ordni ta' probation...*

Illi, jew wiehed ihares lejn l-Ordni ta' Probation li giet mahruga f'dan il-kaz, wiehed jara li ma sar l-ebda accenn ghall-xi cirkostanzi straordinarji li l-Qorti setghet hadet in konsiderazzjoni, hekk kif tirrikjedi l-Ligi nostrana kull meta l-Qorti taghzel li timponi Probation Order ghall-reati li jgorru maghhom piena ta' prigunerija ta' aktar minn seba' snin izda mhux aktar minn ghaxar snin. Ghaldaqstant dan iwassalna ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti ma applikatx din il-parti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446;

Illi, tenut kont is-suespost, ghalhekk, wiehed jasal ukoll ghall-konkluzjoni li l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti certament li ma tinkwadrax ruha fil-parametri tal-Ligi nostrana. Dana qieghed jinghad ukoll konsiderando l-fatt li fis-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma saret l-ebda referenza ghall-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, kif del resto l-appellat ma jikkwalifikax biex jibbenefika minn tali artikolu stante li ma jezistu l-ebda ragunijiiet specjali u straordinarji kif jirrikjedi tali artikolu, sabiex il-Qorti tkun tista' tinzel taht il-minimu tal-piena preskritta mill-ligi. In vista' ta' dan kollu u b'kull rispett dovut lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, wiehed ma jistax jifhem kif hija erogat piena li ma tirraprezentax il-pieni fil-konfront tal-akkuzi kollha dedotti kontra l-appellat! Ghalhekk in vista' ta' dan kollu, tali piena imposta fuq l-appellat ghandha tigi varjata sabiex tkun wahda fil-parametri tal-ligi u sabiex tirrispekkja c-cirkostanzi tal-kaz de quo.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell imressaq mill-Avukat Generali huwa marbut biss man-natura tal-piena inflitta mill-Ewwel Qorti billi huwa tal-fehma illi dik il-piena ma hijiex fix-xorta u il-kwantita taghha konformi mal-ligi.

Issa l-appellat jinsab akkuzat li ikkometta ir-reat ta' serq f'erba' okkazzjonijiet separati minn fuq nisa anzjani fejn serqa wahda hija addirittura aggravata bil-vjolenza, bil-massimu tal-piena li tista' tigi erogata allura teccedi dik tad-disa' snin prigunerija u dan kif mahsub fl-artikoli 274(c), 276A, 279(a) u 285 tal-Kodici Kriminali.

Illi allura l-Avukat Generali ghandu ragun fl-aggravvju minnu intentat. Dan ghaliex l-artikolu 7(2)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi Ordni ta' Probation tista' tinhareg biss meta ir-reat li dwaru tkun instabet htija mill-qorti jkun punibbli bi prigunerija ghal zmien mhux aktar minn seba' snin, u dan apparti il-kundizzjonijiet l-ohra hemmhekk elenkati. Mhux biss izda il-Qorti fid-diskrezzjoni taghha tista tghaddi biex tordna il-hrug ta' Ordni ta' Probation ghal xi reat li jkun jeccedi is-seba' snin prigunerija kif indikat, izda mhux l-ghaxar snin, jekk ikunu jezistu cirkostanzi li jimmeritaw il-hrug ta' tali Ordni. Issa ghalkemm il-legisaltur ma jindikax x'inhuma dawn ic-cirkostanzi, madanakollu huwa bil-wisq evidenti illi dan is-sub-iniz tal-ligi ghandu isib applikazzjoni meta l-qorti tqies illi piena karcerarja effettiva ma hijiex wahda idonja u li l-hati jkun kandidat idonju biex jitqieghed taht tali ordni.

Issa mix-xhieda ta'l-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina, quddiem l-Ewwel Qorti jirrizulta illi hija li kienet qed issewgi lill-appellat fuq Ordni ta' Probation ohra mahruga mill-Qorti tal-Magistrati. Jidher illi l-appellat ghandu problema akuta ta' abbuz tad-droga li ma jridx jindirizza u ghalkemm ghamel xi zmien isegwi programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju, madanakollu hekk kif temm dan il-programm huwa rega waqa' vittma tal-vizzju. B'konsegwenza ta' din l-imgieba qed jkun hemm ir-repitizzjoni tal-kummissjoni tal-offizi b'mod ewelieni dak tas-serq. L-Ewwel Qorti madanakollu kienet tal-fehma illi xortawahda kellha tqieghed lill-appellat

taht Ordni ta' Probation ohra ghaliex dak iz-zmien l-Ufficjal tal-Probation stqarret illi l-appellat kellu hajja stabbli, kellu impjieg u kien qed ighix mal-familja tieghu ghalkemm kien ghadu qed jabbuza minn sustanzi illeciti. Jidher illi kien minhabba f'dawn ic-cirkostanzi fejn l-Ewwel Qorti hasset li kien hemm xaqq ta' tama fil-hajja kaotika ta'l-appellat li allura ma kellhiex tinfliggi piena ta' habs effettiv.

Madanakollu din t-tama ta' riforma fil-hati ma kellhiex wisq hajja twila ghaliex ftit taz-zmien wara l-appellat gie iddenunzjat mill-Ufficjal tal-Probation illi huwa kien ghadu mahkum mid-droga, u kien qed ighix hajja kaotika mill-gdid tant illi sahansitra tilef l-impjieg oltre li tkecca minn hdan il-familja tieghu u spicca minghajr saqaf fuq rasu. Mhux biss izda spicca rega' qabad it-triq tad-delinkwenza tant illi illum qieghed residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin jiskonta piena karcerarja ghar-reat tat-tentattiv ta' serq u dan xahar biss wara s-sentenza moghtja mill-Ewwel Qorti f'dan il-kaz.

Illi allura din il-Qorti meta tigi biex tqies l-aggravvji imressqa 'il quddiem mill-Avukat Generali hija tal-fehma illi ghandha tevalwa l-istampa ta' dak irrappurtat mill-Ufficjal tal-Probation u dan ghaliex billi huwa minnu illi r-reati addebitati lill-appellat igorru piena li fil-massimu taghha teccedi dik tas-seba snin prigunerija kif imfassal fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, allura lanqas ma jezitu f'dan il-kaz dawk ic-cirkostanzi li isemmi l-artikolu 7 ta'l-Att li jistghu jimmeritaw il-hrug ta' tali Ordni.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

*(a) the punishment of offenders*

*(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)*

*(c) the reform and rehabilitation of offenders*

*(d) the protection of the public*

*(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence*

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u is-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Issa huwa bil-wisq evidenti illi l-Ewwel Qorti erogat piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija meta din ma kenitx indikata fil-ligi u lanqas immeritata mill-appellat. Dan ghaliex kif inghad l-piena li hija marbuta mal-akkuzi addebitati lill-appellanti, fil-massimu taghha, tizboq dik tas-seba' snin prigunerija imsemmija fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Di piu' lanqas ma jidher li jezistu dawk c-cirkostanzi li jistghu iwasslu lill-Qorti tikkonferma il-piena erogata mill-Ewwel Qorti iktar u iktar fid-dawl ta'l-izviluppi li svolgew rwiehhom wara l-ghoti tas-sentenza impunjata, bl-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina tindika car u tond illi l-appellat ma hux kandidat idonju biex jitqieghed taht Ordni ta' Probation. Tant hu hekk illi hija spiccat ressqet denunzja kemm quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti u dan wara li gie intavolat l-appell odjern mill-Avukat Generali sabiex tindika dawn nuqqasijiet serji fl-imgieba ta'l-appellat.

Illi din il-Qorti allura ghandha idejha marbuta mhux biss ghaliex illum huwa evidenti, kif inghad, illi l-appellat ma jistax jibbenefika minn Ordni ta' Probation, izda ukoll ghandhom jigu imharsa il-jeddijiet tal-vittmi tar-reati kommessi mill-appellat, kollha nisa anzjani, fejn f'okkazzjoni wahda sahansitra kien hemm feriment. Illi allura huwa biss permezz ta'l-inkarcerazzjoni illi din il-Qorti tista' taghmel gustizzja mhux biss mal-vittmi

u mas-socjeta in generali, izda ukoll mal-appellat billi l-uniku tama ghar-rijabilitazzjoni tieghu tista' isehh biss minn gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin fejn jdiher minn dak li xehdet l-Ufficjal tal-Probation illi huwa ghandu l-opportunita jibda isegwi mill-gdid programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Il-Qorti ghalhekk b'applikazzjoni tal-principji hawn fuq elenkati ma tistax hlief teroga piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront ta'l-appellat.

Ghal dawn il-motivi l-appell ta'l-Avukat Generali qed jigi milqugh, tghaddi ghalhekk beix tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn hija sabet lill-appellat hati ta'l-akkuzi dedotti kontra tieghu, tvarja il-piena inflitta billi minflok l-applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta'l-appellat tikkundannah ghal perijodu ta' tmien snin prigunerija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur